## SANT'ANNA TAL-KARRAKKA

Huwa interessanti li ngħidu li hekk kif kienu ġew l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, magħhom kienu ġabu wkoll il-flotta ta' l-istess Ordni. Din il-flotta kienet magħmula minn diversi tipi ta' bastimenti, u fost dawn kien hemm il-famuża karakka bl-isem ta' "Sant'Anna". Il-karakka kienet l-akbar bastiment ta' dak Iż-żmien. Ma kienx possibbli li l-istess Ordni ta' San Ġwann ikompli jżomm dan il-bastiment. Kienu qegħdin jonfqu wisq flus fuq il-manteniment tiegħu. U għalhekk huma kienu iddeċidew li jwaqqfuha. Kien għalhekk li żarmawha. Dan seħħ fis-sena 1548 fi żmien il-Gran Mastru Juan d'Omedes. Huwa interessanti li jingħad li minn dan il-bastiment wieħed jaħseb li għad fadal diversi biċċiet, li llum għadhom jidhru f'diversi irkejjen tal-Gżejjer Maltin. Iżda aħna jimpurtana biss, għal l-għan ta' dan l-artikolett, dwar l-immaġini ta' Sant'Anna.

Il-bastiment kien iddedikat lil Sant'Anna, u bħal ħafna bastimenti oħra, dan ukoll kellu l-kappella privata tiegħu. Jista jkun għalhekk li fil-kappella kien hemm xi immaġini li kienet turi l-qaddisa tagħna. Mingħajr ma trid tibda tissuspetta allura li din l-immaġini li għadha fostna jista' jkun li kienet tappartjeni lil dan il-bastiment. Allura, il-mistoqsija li jmiss hija fejn tinstab din l-immaġini?

## IL-KAPPELLA TAL-FORTI SANT'JIERMU

Fis-sena 1551 fi żmien il-Gran Mastru Juan d'Omedes kien seħħ attakk qawwi kontra l-Gżejjer Maltin. Għalhekk Malta kienet ħelsitha, wieħed ma jistax jgħid l-istess, kemm għal Għawdex, kif ukoll għall-kastell ta' Tripli. Minħabba dan l-attakk kien l-istess Gran Mastru li għamar biex jinbnew żewġ fortizzi, waħda li kellha tiddefendi l-ilsien art fejn imbagħad kienet l-Isla (din il-fortizza kienet issemmiet għal San Mikiel). It-tieni fortizza kienet dik fit-tarf ta' l-ilsien art fejn inbniet snin wara il-Belt Valletta. Il-Forti issemmiet għal Sant'Jiermu.

Jista jkun li f'dik is-sena, jew inkella ftit wara, l-immaġini ta' Sant'Anna kienet ittieħdet lejn il-kappella li kienet inbniet f'din il-forti. L-immaġini kienet tpoġġiet hemm u bdiet tkun indukrata sew. Jingħad ukoll li kienet mirakoluża. Jista' jkun li l-kappella bdiet tkun magħrufa bħala ta' Sant'Anna minħabba din l-immaġini. Il-fatt li ġiet salvata, huwa maħsub li matul l-Assedju l-Kbir l-istess immaġini kienet tneħħiet minn hemm u ttieħdet lejn il-Birgu.

Meta reġgħet inbniet Forti Sant'Jiermu, l-immaġini ittieħdet mill-ġdid fil-kappella għal darb'oħra, u baqgħet hemm. Huwa maħsub ukoll li l- istess immaġini kienet kwadra, u mhux f'forma ovali, bħal ma tinstab illum. Jingħad ukoll li din

kellha l-arma tal-familja tal-Gran Mastru Philippe Villiers de L'Isle Adam. Iżda meta kienet tneħħiet mill-kappella il-qadima, u ittieħdet lejn il-kappella l-ġdida li nbniet fl-istess fortizza, fis-sena 1729, l-immaġini kienet ġiet irranġata għaddaqs li nafuha illum.

Skond tradizzjoni jingħad li din l-immaġini kienet inġiebet Malta minn Rodi. Il-fatt li kellha l-armi ta' L'Isle Adam ma jfissirx li dan bil-fors kienet saret f'dak iż-żmien. Anzi wieħed jista jgħid li din ma tantx għandha l-istil artistiku li wieħed jassoċja ma' dawn l-inħawi. Probabbilment din kienet saret speċifikament għall-kappella tal-bastiment magħruf bħala karakka, u allura meta l-bastiment, flimkien ma' l-Ordni ta' San Ġwann kien spiċċa hawn Malta, din kienet waslet hawn ukoll.

## L-IMMAĠINI TA' SANT'ANNA

Din l-immaġini tinstab fil-kappella tal-Forti Sant'Jiermu. Anzi, tinstab fil-kappella l-qadima, minħabba li dik li kienet inbniet fis-sena 1729 m'għandhiex tintuża bħala kappella aktar. Din l-immaġini turina lil Sant'Anna qegħda iżżomm lill-Madonna, li f'ħoġorha għandha liċ-ċkejken Ġesu'.

Sant'Anna qegħda iżżomm minn qaddha lill-Madonna, filwaqt li b'idha l-oħra qegħda iżżomm bil-ftit, saqajn Ġesu'. Sant'Anna biss tinstab inkurunata, - filwaqt li hija tidher bħala l-figura dominanti. Din l-immaġini hija maħduma fl-injam, u hawnhekk nistgħu naraw xogħol tajjeb, għalkemm xi ftit barra minn żmienu, ta' dan l-istil. It-tliet figuri jinstabu jħarsu dritt lejn l-ispettatur, għalkemm il-ħarsa ta' Ġesu' biss hija daqshekk diretta. Dan huwa xogħol interessanti, li wieħed jista' jmur jarah, kif diġa għidna fil-kappella tal-Forti Sant'Jiermu.

Vincent Zammit

**VIVA L-PATRUNA TAGĦNA**

*Sant' Anna*



Il-kwadru ta' Sant'Anna tal-Karrakka li jinsab Sant'Jiermu




Little mermaid

BOUTIQUE & HABERDASHERY
Ladies, Gents & Children Wear

TRIQ IL-QALIET, M'SCALA
Tel: 684234

LA FAVORITA
RESTAURANT

Prop. Joe and Phyllis Spearing

Triq Tal-Gardiel, M'Scala, Malta, Tel: 684113